**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Gunju, 2016**

**Avviz nru: 468/2005 MLF**

**Clinical Administrative Services Limited u b'nota tat-23 ta' Marzu 2015, is-socjeta AX Holdings Limited (C3565) assumiet l-atti fil-kawza odjerna minflok Clinical Administrative Services Limited**

**Vs**

**Antoinette Mifsud f'isimha proprju u bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud, u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Jannar, 2013 zdiedu bhala konvenuti eredi ta' Marcel Mifsud, Marcel, Karl, Marie, Desiree, Edward u Stefan ilkoll ahwa Mifsud, u b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 2016 fejn hemm indikat il-kliem *"bhala eredi tad-decjus Marcel Mifsud"* , dawn il-kliem gew kancellati.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuta Antoinette Mifsud f'isimha propju u bhala eredi tad-decjus Marcel Mifsud tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,895.15)

rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lilha, inkwantu ghall-elf sebgha mija u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1770.62) ghal servizzi rezi lilha, u in kwantu ghal mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm124.53) ghas-servizzi rezi lid-decujus Marcel Mifsud fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura akkumulati kontra taghha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Antoinette Mifsud fejn eccepiet:

1. In-nullita' tal-avviz, billi ghandu mankanzi li ma humiex sanabbli.
2. Illi n-notifika ta' l-avviz lill-eccipjenti ma hix valida skont il-ligi, billi l-kopja ta' l-avviz li rceviet l-eccipjenti hija monka u jonqosha dettalji ta' importanza li jirrenduha nulla.
3. Illi l-eccipjenti ma hix l-eredi ta' Marcel Mifsud u ghalhekk, in kwantu citata bhala l-eredi tieghu, ma hix il-legittima kontradittur tas-socjeta' attrici u ghandha tigi estromessa mill-kawza.
4. Illi l-eredita' ossia l-eredi ta' Marcel Mifsud ghalkemm citati fil-kawza, ma gewx indikati u anqas notifikati, u ghalhekk l-istess kawza ma tistax tipprosegwi minghajrhom.
5. Illi l-azzjoni attrici, in kwantu diretta lejn il-konvenuta Antoinette Mifsud u lejn l-eredita' ta' Marcel Mifsud, hi fiz-zewg kazi preskritta (Artikoli 2148 u 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
6. Illi l-azzjoni attrici hi kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-4 t'Ottubru 2008, fejn cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez rizervati.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-14 ta' Jannar 2013, fejn ordnat li

jizdiedu bhala konvenuti eredi tal-konvenut Marcel Mifsud, Marcel Karl, Marie Desiree, Edward u Stefan, ahwa Mifsud.[1]

Rat ir-risposta tal-konvenuti Marcel Karl Mifsud, Marie Desiree Degiorgio Mifsud, Edward u Stefan Mifsud fejn eccepew:

1. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nullita' tal-kawza u/jew tal-avviz kif notifikat lill-eccipjenti. Dan ghaliex il-kumpannija Clinical Administrative Services Limited illum ma tezistix, kienet biddlet isimha ghal Universal Supplies Limited fis-17 ta' Awwissu, 2006 u f'Jannar, 2013 giet assorbita permezz ta' merger mill-kumpanija AX Holdings Limited.
2. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ratione valoris, inter alia ai termini tal-artikolu 56A tal-Kap XII u l-artikolu 3 tal-Kap 380.
3. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni fil-konfronti tal-eccipjenti hija preskritta ai termini tal-artikoli 2148 u/jew 2149 tal-Kap XII.
4. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccipjenti ma humiex legittimi kontraditturi ghal parti kbira mit-talba, u f'tali rigward ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.
5. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccipjenti ma ghandhom jaghtu xejn mill-ammonti mitluba bl-avviz.
6. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet fl-avviz huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghas-suesposti ragunijiet jigu michuda bl-ispejjez.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2015, sar is-segwenti verbal: *"Dr. Antonio Tufigno qed jirtira l-ewwel eccezzjoni ta' Marcel Karl Mifsud etipprezentata fil-25 ta' Marzu 2015, in vista tal-*

[1] Ara fol. 46 tal-process.

*fatt illi l-kontro-parti* ivverbalizzat *li taccetta illi thallas kwalunkwe spejjez, jekk ikun hem, relatati mal-istess.”*[2]

Semghet, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta’ Gunju, 2015, Dr. Antonio Tufigno l-Avukat difensur tal-konvenuti, rtira l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti pprezentata fil-25 ta’ Marzu, 2015 in vista tal-fatt illi s-socjeta’ attrici kienet disposta li thallas kwalunkwe spejjez, jekk ikun hemm, relatati mal-istess.

Fl-istess seduta l-avukati difensuri qablu li l-ewwel ghandha tigi ttratta t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Marcel Karl Mifsud et dwar il-kompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris*.

Rat id-digriet tal-9 ta’ Marzu 2016, fejn iddisponiet mir-rikors tal-konvenuta Antoinette Mifsud tal-20 ta’ Jannar 2014, billi laqghetu in kwantu talbet li tigi ordnata l-estromissjoni taghha in kwantu citata bhala eredi ta’ Marcel Mifsud, izda tibqa’ konvenuta fil-kawza f’isimha propju, u cahdet il-kumplament tat-talba.[3]

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti Marcel Karl Mifsud et u tas-socjeta attrici limitatament dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u cioe tal-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris.*

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Ghalkemm ghaddew kwazi hdax (11)-il sena minn meta giet intavolata l-kawza, il-partijiet ghazlu li ma jressqu l-ebda provi, lanqas fuq din it-tieni eccezzjoni.

---

[3] Ara fol. 106 tal-process.

[2] Ara fol. 92 tal-process.

L-unika prova li hemm giet ezebita mill-konvenuta Antoinette Mifsud, li tikkonsisti fir-ricerki testamentarji u l-ahhar testment tal-mejjet zewgha Marcel Mifsud, minn fejn jirrizulta li hi m'hix eredi ta' zewgha, u li l-eredi tieghu huma l-erba' uliedu l-konvenuti Marcel Karl, Marie Desiree, Edward u Stefan ahwa Mifsud.[4] Hija ezebiet ukoll kopja tac-certifikat tal-mewt ta' zewgha, minn fejn jirrizula li dan miet fil-21 ta' Frar 1997 – cioe tminn (8) snin qabel is-socjeta attrici intavolat il-kawza odjerna.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fir-rikors promotur, is-socjeta attrici talbet lill-konvenuta Antoinette Mifsud f'isimha proprju u bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud – f'dawn il-proceduri irrizulta li fil-fatt din il-konvenuta ma kienetx l-eredi tad-decuius – sabiex:

*"thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,895.15) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi lilek, inkwantu ghall-elf sebgha mija u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1770.62) ghal servizzi rezi lilek, u in kwantu ghal mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm124.53) ghas-servizzi rezi lid-decujus Marcel Mifsud fuq inkarigu taghhom stess."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuti eredi tad-decuius Marcel Mifud eccepew in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti *ratione valoris, inter alia ai termini tal-Artikolu 56A tal-Kap XII u l-Artikolu 3 tal-Kap. 380."*

Dawn il-konvenuti jissottomettu li t-talba attrici hija maqsuma fi tnejn:

(1) l-ammont ta' Lm1,770.62 qed jigi pretiz ghal servizzi allegatament rezi lill-konvenuta Antoinette Mifsud; u

[4] Ara fol. 19 *et seq.* tal-process.

(2) l-ammont ta' Lm124.53 ghal servizzi allegatament rezi lill-awtur taghhom il-mejjet Marcel Mifsud.

Huma jissottomettu li ma hemm ebda raguni fil-ligi ghalfejn iz-zewg ammonti mitluba kellhom jintalbu flimkien, in vista tal-fatt li ma kienux qed jintalbu lill-istess persuna. Huma jsostnu li t-talba tas-somma ta' Lm124.53 kellha ssir separatament kontrihom bhala eredi tad-decuius, u mhux issir lil ommhom, il-konvenuta Antoinette Mifsud.

Fis-sena 2005, il-kompetenza *ratione valoris* tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar kienet ta' Lm1,500, u ghalhekk skond dawn il-konvenuti, it-talba ghall-ammont ta' Lm124.53 kellha ssir kontrihom quddiem dan it-Tribunal.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta attrici tissottometti li ladarba skond it-testment ta' zewgha, l-attrici kienet uzufruttwarja tal-beni kollha tieghu, it-talba ghall-ammont ta' Lm124.53, setghet issir kontriha wkoll. Din is-sottomissjoni hija totalment legalment infondata stante li uzufruttwarju jista jaghmel uzu u jiehu l-frott tal-beni tad-decuius, izda ma jistghax jiddisponi mill-kapital li kien imholli lill-eredi. Din is-sottomissjoni hija kontradetta mill-fatt stess, li s-socjeta attrici talbet li l-eredi tal-mejjet Marcel Mifsud jizdiedu bhala konvenuti f'dawn il-proceduri. Kieku s-socjeta attrici kienet verament temmen f'din is-sottomissjoni taghha, ma kienx ikollha ghalfejn taghmel din it-talba.

Fit-tieni lok, is-socjeta attrici tissottometti illi ghalkemm huwa veru li s-servizzi gew rezi lil Marcel Mifsud, dawn is-servizzi gew mitluba mill-konvenuta Antoinette Mifsud, kif jinghad fl-avviz. Is-socjeta attrici ma gabet l-ebda ombra ta' prova sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni taghha. Bhal fil-kaz tal-ewwel sottomissjoni taghha, din is-sottomissjoni hija kontradetta mill-fatt li s-socjeta attrici hasset in-necessita li titlob li fil-kawza jizdiedu l-eredi tal-mejjet bhala konvenuti.

Is-socjeta attrici tinvoka favur taghha d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(3)(b) tal-Kapitolu 380 u l-Artikolu 759 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 759 tal-Kodici ta' Procedura Civili, u mhux f'b'dawk tal-Kapitolu 380, li jirregolaw il-procedura quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Għaldaqstant, din il-Qorti se tikkonsidra biss l-Artikolu 759 tal-Kodiċi ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:
*"Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar."*

Is-soċjeta attriċi tissottometa li peress li hi qed titlob is-somom lill-konvenuti għal raġunijiet diversi, il-valur tat-talba għandu jiġi determinat mill-ogħla somma, u ċioe l-Lm1,770.62, irrispettivament mis-somma iżgħar ta' Lm124.53. In vista ta' dan, hija din il-Qorti li hija kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi l-ogħla talba.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-Artikolu 759 fuq ċitat ma għandux applikazzjoni fil-każ odjern. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjeta attriċi tammetti li s-somom huma mitluba lill-konvenuti *"għal raġunijiet differenti"* u dawn is-servizzi differenti allegatament ingħataw lil żewġ persuni differenti. Servizzi partikolari ingħataw lill-konvenuta Antoinette Mifsud, u servizzi differenti ingħataw lil Marcel Mifsud.

L-artikolu 759 huwa applikabbli fejn l-attur jitlob lil<u>l-istess</u> konvenut/i diversi somom għal raġunijiet differenti. Fil-każ odjern, is-soċjeta attriċi qed tippretendi li f'kawża waħda tippretendi somom differenti mingħand konvenuti differenti għal raġunijiet differenti. Fl-opinjoni kkonsiderata ta' din il-Qorti ma huwiex legalment permess li f'kawża waħda jitħarrku numru ta' konvenuti, meta l-kawżalijiet ma humiex l-istess għal kull konvenut. Kawża tista' ssir fil-konfront ta' diversi konvenuti biss, meta t-talbiet ma jkunux misti u l-kawżali tkun uniformi għall-konvenuti kollha.

Għaldaqstant, anke din is-sottomissjoni tas-soċjeta attriċi qed tiġi riġettata. Huwa ċar li la darba ex admissis ir-raġunijiet għalfejn qed tippretendi l-ammont ta' Lm1,770.62 mingħand l-konvenuta Antoinette Mifsud, huma differenti minn dawk għalfejn qed tippretendi l-ammont ta' Lm124.53 mingħand l-eredi tal-mejjet Marcel Mifsud, hi kellha tintavola kawża għal kull pretensjoni – waħda kontra l-konvenuta Antoinette Mifsud u l-oħra kontra l-eredi ta' Marcel Mifsud.

Jista' jkun, li s-soċjeta attriċi għamlet kawża waħda, għax kif jidher mill-avviż, assumiet li l-konvenuta Antoinette Mifsud kienet il-werrieta ta' żewġha, għaliex fi tminn snin ma

ndenjatx ruhha taghmel ir-ricerki testamentarji sabiex tistabilixxi min kienu l-werrieta ta' Marcel Mifsud. Pero, s-socjeta attrici missha kienet taf bizzejjed li quddiem din il-Qorti trid iggib il-provi, u mhux assunzjonijiet. Pero dan l-izball trid tbatih is-socjeta attici.

Fiz-zmien li giet ipprezentata l-kawza odjerna, talba ghal hlas ta' Lm124.53 kienet taqa' fil-komptenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u l-Artikolu 56A tal-Kodici ta' Procedura Civili jipprojbixxi lil din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Fid-dawl tas-suespost, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti eredi ta' Marcel Cutajar ghandha tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Marcel Karl, Desiree, Edward u Stefan ahwa Mifsud, tiddikjara li din il-Qorti hija inkompetenti *ratione valoris* li tiehu konjizzjoni ta' dik il-parti tat-talba tas-socjeta attrici diretta kontra dawn il-konvenuti, u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tat-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici.

Is-socjeta attrici u l-konvenuti fuq imsemmija ghandhom jiehdu konjizzjoni tad-digriet *in camera* li din il-Qorti se tati illum stess ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza kontra l-konvenuta Antoinette Mifsud skond il-ligi.

**Magistrat** **Deputat Registratur**

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Avviz nru: 468/2005 MLF**

**Clinical Administrative Services Limited u b'nota tat-23 ta' Marzu 2015, is-socjeta AX Holdings Limited (C3565) assumiet l-atti fil-kawza odjerna minflok Clinical Administrative Services Limited**

**Vs**

**Antoinette Mifsud f'isimha proprju u bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud, u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Jannar, 2013 zdiedu bhala konvenuti eredi ta' Marcel Mifsud, Marcel, Karl, Marie, Desiree, Edward u Stefan ilkoll ahwa Mifsud, u b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 2016 fejn hemm indikat il-kliem *"bhala eredi tad-decjus Marcel Mifsud"* , dawn il-kliem gew kancellati.**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

In vista tas-sentenza preliminari moghtija llum minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi, ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-atti tal-proċeduri ta' din il-kawza, inkluza s-sentenza

imsemmija, jiġu trasferiti lit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti għandu jieħdu konjizzjoni ta' dik il-parti tat-talba tas-socjeta attrici diretta kontra l-konvenuti Marcel Mifsud, Marcel, Karl, Marie, Desiree, Edward u Stefan ilkoll ahwa Mifsud, bhala eredi tal-mejjet Marcel Mifsud.

Il-Qorti tordna kominika ta' dan id-digriet lir-Registrati Qrati u Tribunali Civili.

Digriet moghti *in camera* illum 22 ta' Gunju 2016.

**Magistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**